# EŻAMI ANNWALI TAL-LIĊEJ TAŻ-ŻGĦAR 2000

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

Ir-Raba' Sena | MALTI | ĦIN: Sagħtejn

Isem: ______________________________ Klassi: __________

Istruzzjonijiet lill-kandidati:

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.

2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultat tajjeb.

3. Se tingħata ħafna importanza għall-Ortografija. Ortografija ħażina se ttelliflek ħafna marki.

---

GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA

SKEMA GĦALL-MARKI

| Mistoqsija | A(i) | A(ii) | A(iii) | B | Ċ | D | E(i) | E(ii) | E(iii) | F(i) | F(ii) | Ġ | Tot. |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 11 | 11 | 6 | 3 | 8 | 6 | 6 | 7 | 2 | 10 | 10 | 20 | 100 |
| Marki ta' l-istudent/a | | | | | | | | | | | | | |

Kummenti

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

## A. SILTA. AQRA SEW U WIEĠEB

L-arkitettura ta' pajjiżna hija parti vitali ta' l-istorja nazzjonali Maltija. Il-kultura, it-twemmin, it-tradizzjonijiet u l-kostumi, it-tbatijiet u l-mumenti ta' ferħ ta' ġensna, wieħed jista' jaqrahom f'kull ġebla tal-monumenti tal-pre-istorja, fil-palazzi u l-knejjes, fil-ħitan tas-swar li jdawru l-bliet, u wkoll, fiċ-ċokon tal-ħitan tas-sejjieħ, u fl-irziezet u d-djar sempliċi tal-kampanja. *(par. 1)*

Il-pożizzjoni ġeografika tal-Gżejjer Maltin kienet il-fattur ewlieni ta' l-istorja mżewqa tagħna. L-arċipelagu Malti qiegħed kważi eżatt fin-nofs bejn it-truf tal-lvant u l-punent tal-Mediterran, u bejn iż-żewġ kontinenti ta' l-Ewropa u l-Afrika fejn il-Mediterran huwa l-idjaq. Il-gżejjer tagħna kienu għalhekk fiċ-ċentru tar-rotot ewlenija ta' baħħara, gwerrieri, avventurieri u kolonizzaturi sa mill-ibgħad żminijiet u kienu okkupati jew mixtieqa minn qawwiet barranin diversi, l-aktar dawk li kienu l-iżjed f'saħħithom fuq il-baħar. Sa żmien l-aħħar gwerra, min kien jippossedi lil Malta kien is-sid tal-Mediterran, u dal-punt kruċjali ta' l-istorja u l-politka tal-Baħar Nofsani fehmuh tajjeb ħafna bosta ħakkiema u kolonizzaturi għal kważi sitt elef sena, jiġifieri mill-bniedem taż-Żmien Bikri Neolitiku sal-Forzi Alleati u ta' l-Assi fit-Tieni Gwerra Dinjija. *(par. 2)*

Kienet ħaġa naturali għal Malta, għalhekk, li ssir iċ-ċentru nevralġiku, storikament u kulturalment, ta' ħafna ċiviltajiet Mediterranji u Ewropej. Mhix ħaġa ta' l-iskantament, allura, li l-kulturi Neolitiċi, ta' Żmien il-Bronż, Puniċi, Rumani, Għarab, Spanjoli, Sqallin, Ewropej, u Ingliżi, kollha ħallew il-marka tagħhom, għalkemm fi gradi differenti, f'pajjiżna. Dak li huwa verament impressjonanti, iżda, huwa l-fatt li minkejja dawn l-influwenzi eżerċitati fuq pajjiżna sa mis-sebħ taċ-ċivilta', influwenzi li għadhom jinħassu sa llum, Malta rnexxielha żżomm, f'livelli differenti, l-ilsien, it-twemmin, l-użanzi u l-folklor, l-idjoma vernakulari fl-arkitettura, iżda u l-aktar importanti l-Identita' Nazzjonali kkonfermata u msaħħa bl-akkwist ta' l-Indipendenza u s-Sovranita' ħamsa u għoxrin sena ilu. *(par. 3)*

Malta tippossedi bla dubju teżori kbar ta' l-arkitettura. Sa minn żmien il-pre-istorja, il-ġens Malti bena bla heda, u bil-paċenzja u l-persistenza qata' l-ġebla mill-barrieri abbundanti, u biha tella' tempji, djar, irziezet, knejjes, swar u palazzi, bl-imħabba, bil-ħila u fuq kollox bix-xogħol iebes. Il-ġebla tal-franka u tal-qawwi kienet minn dejjem l-uniku materjal tal-kostruzzjoni f'pajjiżna, fatt li ta lil Malta karattru speċjali, forsi uniku fl-istorja ta' l-arkitettura. *(par. 4)*

(Silta meħuda mill-istudju "L-Arkitettura:Xhieda ta' l-Identita' Nazzjonali" ta' MICHAEL ELLUL)

### (i) Kontenut

1. L-istorja ta' pajjiżna hija magħmula minn, u mibnija fuq, ħafna fatturi li lkoll għenu biex għaġnu u saħħew lil din l-istess storja. Kif tidħol l-arkitettura f'dan kollu? *(par. 1)*

   ____________________________________________________________

   ____________________________________________________________

   ____________________________________________________________ (3)

2. Min ħalla influwenza kbira fuq Malta tul l-istorja tagħha? Semmi tnejn. *(par. 2)*

   ____________________________________________________________ (2)

3. Malta tinsab f'nofs il-baħar Mediterran. Dan għen biex aktar ikollna storja mżewqa? *(par. 3)*

____________________________________________________________

____________________________________________________________ (1)

4. X'fehmu bosta ħakkiema u kolonizzaturi li għexu u ġġieldu għal Malta tul l-istorja tagħha? *(par. 2)*

____________________________________________________________

____________________________________________________________ (1)

5. Malta rnexxielha żżomm, minkejja l-influwenzi barranin, bosta ħwejjeġ li jidhru sew fl-arkitettura u li lilna jagħmluna Maltin. Semmi erbgħa minnhom. *(par. 3)*

____________________________________________________________ (2)

6. Liema huma l-kliem u/jew l-espressjonijiet li juruna li l-Maltin huma ħaddiema bieżla, preċiżi fix-xogħol u ta' determinazzjoni? Trid issemmi tnejn minnhom. *(par. 4)*

____________________________________________________________ (1)

7. Il-ġebla Maltija tagħżilna minn pajjiżi oħra. Għaliex? *(par. 4)*

____________________________________________________________

____________________________________________________________ (1)

## (ii) Grammatika

1. Sib żewġ nomi fil-plural miksur mill-ewwel paragrafu.
____________________ u ______________________________. (2)

2. "Imħabba" (par. 4) hija nom mimmat minn 'ħabb'. Oħroġ nom mimmat mill-għerq x-għ-l.
____________________________________________________. (1)

3. Sib verb dgħajjef nieqes mir-raba' paragrafu ___________________________. (1)

4. Sib verb imnissel, trilitteru, sħiħ, trux mit-tielet paragrafu. ____________________. (1)

5. Sib verb irregolari mit-tieni paragrafu _________________________________.(1)

6. "Qiegħed" (par. 2) huwa verb imnissel fit-tielet forma. Oħroġ forma oħra mnissla mill-istess għerq _____________________________. (1)

7. Ikteb iz-zokk morfemiku ta' "sovranita'" (par. 3) ___________________________. (1)

8. Mir-raba' paragrafu, sib in-nom fis-singular, ġens maskil, li mehmuż miegħu hemm is-suffiss pronominali ta' l-ewwel persuna plural. ___________________________.(1)

9. Sib partiċipju attiv semitiku fil-plural _________________________________. (1)

10. Sib plural sħiħ semitiku mit-tieni paragrafu. ______________________________. (1)

## (iii) Analiżi Testwali

1. Fisser skond is-silta:
   arċipelagu (par. 2) ______________________________________
   eżerċitati (par. 3) ________________________________________ (2)

2. "fehmuh tajjeb" (par. 2). Għal min qiegħed jirreferi l-pronom h fil-kelma "fehmuh"?
   ____________________________________________________________________________. (1)

3. "Malta tippossedi bla dubju teżori kbar ta' l-arkitettura." (par. 4). Il-kliem b'sing taħtu huma kollha ta' nisel ______________________________________________________. (1)

4. L-aġġettiv "*Maltija*" (par. 1) fl-ewwel sentenza jikkwalifika l-kelma

   (a) "nazzjonali" ☐
   (b) "l-istorja" ☐
   (ċ) "vitali" ☐ (1)

5. Il-funzjoni tal-partiċella "bejn" (par. 2, it-tieni sentenza, l-ewwel "bejn") hija

   (a) li turi l-pożizzjoni ta' Malta fil-Mediterran ☐
   (b) li tindika għażla bejn żewġ naħat ☐
   (ċ) li tindika għażla bejn tliet naħat ☐ (1)

## B. Idjomi u Qwiel

Is-saħħa u l-elementi huma żewġ ħwejjeġ li l-Malti jisħaq ħafna fuqhom fil-ħajja tiegħu. Uri dan billi ssemmi żewġ qwiel jew idjomi u kkummenta fuqhom.

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________ (3)

## Ċ. Malti Komunikattiv

Agħżel waħda. Ikteb madwar 80 - 100 kelma

1. Stħajjel li inti wieħed/waħda mill-karattri li nsibu fil-ktieb "Jinqabad bid-Drogi" (Sedqa). Ikteb ittra lil Sedqa biex tgħarrafhom bil-problema tiegħek u biex jagħtuk l-għajnuna tagħhom. L-indirizz huwa "Sedqa, Ċentru Nazzjonali ta' Prevenzjoni, 2 Triq Braille, Santa Venera."

jew

2. Ikteb rapport dwar waħda mill-problemi li nsibu f'Ħal Muxi (Nadriet 4).

(8)

## D. Tiftix-Trawwim Kulturali

Ikteb dwar xi aspetti ta' "L-Oqsma tal-Għerf tal-Kultura Maltija" li għamilt tiftix dwaru għall-proġett ta' din is-sena. Saret xi qabża, jekk seħħet, mill-imgħoddi sa issa?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (6)

**LETTERATURA**

## E. Poeżiji-Nadriet 4

(i) Aqra din is-silta, u wieġeb.

"Int tgħaddi u titbissem - għanjietek
Ma tafx ħlief bil-hena u l-ġid.
X'tinkedd jekk is-sajf għad inixxfek?
Int taf li trid tiġi mill-ġdid.
Illum qed isaltan il-biki:
Id-demm jixxerred gelgul:
Int toħlom li għada, bħall-bieraħ,
Jixxejjer is-sbul."

1. Minn fejn hi meħuda din is-silta, u min kitibha?

______________________________________________________________________. (1)

2. Fis-silta hemm ħjiel ta' ottimiżmu u ferħ. Għaliex?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________. (1)

3. X'jixtieq li jieħu l-poeta mingħand "Int" (l-ewwel kelma tas-silta)?

______________________________________________________________________. (1)

4. Din il-poeżija hija romantika għax
   (a) hemm ħafna kliem semitiku u arkajk ☐
   (b) hemm għadd ta' figuri tad-diskors ☐
   (ċ) fiha hemm in-natura u ħsus qalb il-bniedem ☐ (1)

5. X'inhu l-ħsieb ewlieni tal-poeżija?

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________. (2)

(ii) Agħżel <u>waħda</u> bejn 1 jew 2, u ikteb ħmistax-il vers fuqha.

1. "Ġo Ħal Tarxien " ta' Raymond Mahoney u "Nofs In-Nhar Sajfi" ta' Rużar Briffa huma żewġ poeżiji tat-tip "Still Life". Taqbel? Għaliex?

2. L-element tal-kuntrast jidher tassew fil-poeżiji "Mananni" ta' Ġorġ Pisani, "Il-Moll" ta' Carmel Attard, "Ħitan tas-Sejjieħ" ta' Marjanu Vella, u "Il-Miżieb" ta' Anton Buttiġieġ. Iddiskuti dan billi tieħu bħala mera żewġ poeżiji mill- erbgħa msemmija.

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________ (7)

(iii) Aktar Nadriet Poetiċi

Agħżel waħda mill-poeżiji li ġejjin, u għid xi ħaġa fuqha:
"Kelma Kelma", "Il-Pittur", "Potenzjalita`",
"Għawma bil-Lejl", "Metamorphosis",
"Kreazzjoni", "Spanja", "Stick no bombs".

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

## F. (i) PROŻA

"L-ISQAQ" ta' Ġuże' Chetcuti.
Agħżel <u>waħda</u>. Wieġeb fuq karta separata.

(a) Ir-rumanz "L-Isqaq" juri r-realta' tal-ħajja Maltija għexieren ta' snin ilu fl-ewwel snin ta' dan is-seklu. Ikkummenta bis-saħħa tas-sitwazzjonijiet li nsibu fir-rumanz.

(b) Bis-saħħa tal-karattri Ġuże' Chetcuti qed jinvestiga problema kerha tas-soċjeta' Maltija. Agħti l-fehma tiegħek. (10)

## F. (ii) DRAMM

"SATIRA" ta' Oreste Calleja. Wieġeb fuq karta separata.

Bis-saħħa tad-dramm "Satira", Oreste Calleja qiegħed jixħet dawl interessanti, kif ukoll ta' ħassib, fuq l-aspett soċjali ta' ħajjet il-poplu. Ikkummenta. (10)

## Ġ. KOMPONIMENT

AGĦŻEL WIEĦED. IKTEB MADWAR 350 KELMA FUQ KARTA SEPARATA.

1. Il-ħsieb jifni u jtemm il-bniedem.
2. Ħbula.
3. Il-ħsejjes huma wens, l-aktar għal min jinsab waħdu.
4. Fid-dlam tal-lejl.
5. L-imħabba l-akbar don tal-ħajja.
6. Iż-żgħożija u d-divertiment.
7. Komponiment imnebbaħ minn dawn il-versi:
" 'Mma ż-żrinġijiet, minflok id-dispramment
jgħixu fit-tama, li minn ġos-smewwiet
traxxax ix-xita u tfawwar lill-għadajjar,
u jerġa' x-xogħol u l-ġid, jehda l-inkwiet!"
("*Iż-Żrinġijiet*" ta' Anton Buttiġieġ) (20)